MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Talba Numru. 11/2009

Carmel u Mary konjugi Portelli

vs

Frank Masini u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2009, giet kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-4 ta' Marzu 2009, li permezz tieghu l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet elef mija u tnejn u tletin Euro (€3,132), liema ammont huwa dovut ghal xoghol ta' tikhil, tqeghid ta' madum, bathrooms, u xoghol iehor ancillari fi flat gewwa Marsalforn, Ghawdex, kif ukoll go dar gewwa l-Fgura, Malta. Bl-imghax mid-data li fiha sar ix-xoghol sal-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali spedita kontra l-konvenut. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha jinsab ingunt ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghuipprezentata fis-17 ta’ April 2009, eccepixxa :-

‘Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt, fid-dritt, u fl-ekwita’, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur a rigward ix-xogholijiet li saru gewwa dar f’Malta, liema dar mhix il-proprjeta’ tal-konvenut, u li l-istess konvenut ma ghandu x’jaqsam xejn maghha ;

Illi dwar l-ammont pretiz a rigward xogholijiet maghmula fl-appartament go Marsalforn, dan mhuwiex skond dak miftiehem u huwa esagerat. Inoltre l-attur m’ ghamilx ix-xoghol kif pattwit u fil-fatt il-konvenut kellu jinkariga lil haddiehor biex ikomplih ;

Salvi eccezzjonijiet ohra.’ ;

Illi b’digriet tad-9 ta’ Lulju 2009, giet kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici ;

Illi permezz tar-rispsota taghha pprezentata fit-30 ta’ Settembru 2009, il-kjamata fil-kawza eccepiet :-

‘Illi preliminarjament :

1. Dan it-Tribunal m’ghandux kompetenza sabiex jiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza stante li l-kjamata fil-kawza hija residenti gewwa Malta, u hija qatt ma tat xi forma ta’ mandat biex jigi esegwit xi xoghol gewwa Ghawdex u wisq anqas gewwa Malta ;

2. Din il-kawza hija preskritta u dan ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kjamat fil-kawza mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li hija qatt ma kellha xi forma ta’ relazzjoni guridika ma’ l-attur. Fil-fatt, l-attur qatt ma nterpella lill-kjamata in kawza biex tersaq ghal xi forma ta’ hlas permezz ta’ ittra bonarja u wisq anqas permezz ta’ ittra legali ;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur naqas milli jindika fejn saru x-xogholijiet allegati minnu gewwa Malta jew altrimenti l-allegat ammont li ghandu jiehu minghand il-kjamat in kawza ;

Ghaldaqstant, u in vista ta' dak espost f'din ir-risposta l-Onorabbli Tribunal, a bazi tal-ewwel u t-tieni accezzjonijiet preliminari, m'ghandux jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza fil-konfront tal-kjamata fil-kawza, u f'kaz li dawn l-eccezzjonijiet jigu michuda, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bhala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra taghhom.' ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' tliet elef mija u tnejn u tletin Euro (€3,132) ghal xoghol li sar mill-attur Carmelo Portelli fuq inkarigu tal-konvenut f'appartament li l-konvenut Frank Masini ghandu f'Marsalforn, Ghawdex, u f'dar fil-Fgura, Malta, li hija proprjeta' tal-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici. Il-hlas li l-atturi qeghdin jitolbu ghax-xoghol li sar fl-appartament ta' Marsalforn jammonta ghal elfejn mitejn u sebghin Euro (€2,270) –dokument CP1 - filwaqt li x-xoghol li sar fid-dar tal-Fgura, Malta, jammonta ghal tmien mija u wiehed u sittin Euro u sitta u tmenin centesimi (€861.86) – dokument CP2. Dwar ix-xoghol li sar fl-appartment ta' Marsalforn, il-konvenut mhuwiex jichad li x-xoghol sar fuq inkarigu tieghu, izda jeccepixxi li x-xoghol ma sarx skond kif kien miftiehem bejniethom tant li l-konvenut kellu jinkariga lill-haddiehor biex ikomplih, u li l-prezz mitlub ghal dan ix-xoghol li sar huwa esagerat. Dwar ix-xoghol li sar fid-dar tal-Fgura, Malta, il-konvenut eccepixxa li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur billi d-dar fejn saru x-xogholijiet mhijiex proprjeta' tal-konvenut,

izda hija proprjeta’ tal-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici, u li huwa m’ghandu x’jaqsam xejn max-xogholijiet li saru f’din id-dar, u x-xogholijiet saru biss fl-interess tal-kjamata fil-kawza. Mill-provi pero’ rrizulta li kien il-konvenut Frank Masini li ha lill-attur fid-dar tal-Fgura, Malta, fejn saru x-xogholijiet mill-attur, u li kien il-konvenut li kien nkarigah jaghmel ix-xogholijiet, u dak iz-zmien il-konvenut ma kienx urieh lill-attur id-dar ta’ min kienet. Irrizulta mill-provi li din id-dar mhijiex tal-konvenut, izda hija proprjeta’ tal-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici. Kien pero’ l-konvenut li ftiehem ma’ l-attur li jaghmel dan ix-xoghol, u kien fuq inkarigu tal-konvenut li l-attur mar f’din id-dar u ghamel ix-xogholijiet wara li kien l-istess konvenut li kien urieh ix-xoghol li kellu jaghmel l-attur f’din id-dar. Inghad li ‘*biex tigi deciza kwistjoni nvoluta f’kawza jehtieg l-ewwelnett li tigi precizata d-domanda kontenuta fic-citazzjoni ghax huwa minn dik id-domanda li johrog l-istat kontrovers li jifforma l-oggett tal-kawza*.’ [Qorti Tal-Appell, **Avukat Dottor Albert Ganado vs Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier et noe**, 03/11/1958, Kollez. Vol.XLII.i.551]. It-talba tal-atturi hija cara fis-sens li l-attur qed jitlob il-hlas tax-xoghol li ghamel, liema xoghol kien inkarigah jaghmlu l-konvenut irrispettivament mill-fatt fi hwejjeg ta’ min saru dawn ix-xogholijiet. U jekk il-persuna minnu mharrka bhala kontradittur tad-domanda tieghu hija l-persuna li mhux biss kienet avvicinat lill-attur ghax-xoghol, izda talli kien il-konvenut li ha lill-attur fil-post fejn l-attur sussegwentement ghamel ix-xoghol, wera lill-attur ix-xoghol li kellu jsir, u kien tah struzzjonijiet biex jaghmel ix-xoghol, huwa car anzi’ m’hemmx dubbju li r-rapport guridiku li jifforma s-sostrat tal-azzjoni tieghu jezisti bejnu u l-imsemmi konvenut. Inghad fis-sentenza hawn fuq citata li l-interess li jista’ kellha persuna ohra f’din il-kwistjoni, ma jfissirx li l-gudizzju sar hazin ladarba l-partijiet litiganti fil-fatt huma kif kellhom ikunu, dawk li bejniethom avvera ruhhu l-vera u pretiz rapport guridiku. Ghalhekk l-eccezzjoni li l-konvenut li huwa mhuwiex il-legitimu kontradittur mhix sostenibbli u qed tigi michuda ;

Illi l-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici qajmet ukoll din l-istess eccezzjoni fir-rigward taghha billi skond hi qatt ma kellha xi forma ta’ relazzjoni guridika ma’ l-attur, u l-attur

qatt ma nterpellaha biex tersaq ghal xi forma ta' hlas permezz ta' ittra bonarja u wisq anqas permezz ta' ittra ufficjali. Qabel ma pero' tigi trattata din l-eccezzjoni, dan it-Tribunal sejjer jezamina l-eccezzjoni preliminari l-ohra dwar in-nuqqas ta' kompetenza li jiehu konjizzjoni ta' din il-kawza stante li l-kjamata fil-kawza hija residenti gewwa Malta u hija qatt ma tat xi forma ta' mandat biex jigi esegwit xi xoghol gewwa Ghawdex u wisq anqas gewwa Malta. Fi kliem iehor il-kjamata fil-kawza qed tqajjem l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal minhabba li skond hi huwa moghti lilha l-beneficcju li tigi msejha quddiem qorti partikolari (artikolu 741(c) tal-Kap.12). Din l-eccezzjoni mhijwiex pero' wahda sostenibbli. Il-pozizzjoni ta' kjamat fil-kawza hija l-istess bhal dik ta' konvenut, u meta ammess ghall-integrazzjoni tal-gudizzju, jirrivesti l-libsa ta' konvenut u jista' ghalhekk jigi kkundannat jew liberat mit-talba. Dan a differenza tal-intervenut fil- kawza, li la hu konvenut u lanqas attur. Apparti ghalhekk il-kwistjoni li din l-eccezzjoni ma tistghax tigi sostnuta ladarba l-*privilegium fori* jispicca meta l-ghadd tal-konvenuti li joqoghdu fil-Gzira ta' Malta huwa daqs tal-konvenuti li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna, kif espressament jiddisponi l-artikolu 769 tal-Kap.12, il-pozizzjoni legali *in subjecta materia* hi fis-sens li s-sejha fil-kawza tal-persuna li ghandha nteress fl-ezitu tal-gudizzju gia' mibdi bejn zewg partijiet ghandha tigi ammessa biex jigi reintegrat il-procediment ghax meta l-konvenut originali jkun diga' interessat fil-kawza il-gudizzju diga' jkollu '*res standi*', u l-ammissjoni tat-terz interessat ikun qed iservi biex jirreintegra l-procediment [ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla, fl-ismijiet : **Joseph Bellizzi et vs Awtorita' Marittima ta' Malta et**, deciza fit-30 ta' Mejju 2003]. Fil-fatt pre-rekwizit tal-istitut tal-kjamata fil-kawza huwa li jrid ikun hemm '<u>kawza miexja bejn partijiet ohra fil-qorti ta' l-ewwel grad</u>' (artikolu 961 tal-Kap.12); fi kliem iehor meta t-terza persuna tigi msejha fil-kawza, il-Qorti gia' jkollha gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-kaz, u kif giet ritenut '*il-fondament tal-istitut tal-kjamata fil-kawza huwa l-interess li l-persuna li tigi hekk imsejha jkollha fl-ezitu ta' dak il-gudizzju gia' mibdi. Il-konvenut inizjali, ghalkemm ma jkunx l-uniku interessat fil-fatt ikollu wkoll interess fil-kawza, l-istess kjamata ta'*

*interessati ohra mal-konvenut inizjali u originarju, li jkollu interess, il-procedura tas-sejha fil-kawza ta' persuna tkun qeghdha tapporta biss ir-reintegrazzjoni tal-process*.' [Prim'Awla, **Teresa Cilia vs Vincenzo Drago et**, 03/02/1960]. L-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza ghalhekk mhijiex sostenibbli u qeghdha tigi michuda ;

Dwar l-eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza li hija wkoll mhijiex legittimu kontradittur fil-konfront tal-attur billi skond hi, qatt ma kellha ebda relazzjoni guridika mieghu, inghad li :- "*L-istitut* (tal-kjamat fil-kawza) *jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, principalment: (a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra; u (b) dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha……*" [Qorti tal-Appell, **Joseph Riolo proprio et nomine vs Carmen Muscat**, 15/03/1991; **Kollez. Vol. LXIX.i.96** ; **Vol. LXXIX.ii.1110**]. Inghad ukoll li '*r-ragjon d'essere ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita tal-gudizzju tistrieh fuq tliet konsiderazzjonijiet principali : l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assigurata kemm jista' jkun l-effikacita` tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; it-tielet, biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawzi billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha*.' [Prim'Awla, **Vincenti Agius pro et noe vs Mario Borg et**, 28/03/2003]. Ghalkemm jirrizulta mill-provi li ma kenitx il-kjamata fil-kawza li direttament inkarigat lill-attur jaghmel ix-xogholijiet li saru fid-dar tal-Fgura, Malta, meta hi ddecidiet li tikkonverti d-dar taghha f'*child care centre*, jirrizulta pero' li x-xogholijiet li kienu gew ordnati mill-konvenut Frank Masini, gew esegwiti mill-attur fl-interess taghha. Ghalhekk dan it-Tribunal jara li ghall-ahjar gudizzju jkun utili li ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati, inkluz ghalhekk il-kjamata

fil-kawza. Fis-sentenza : **Agent Accountant General et vs George Xuereb noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Kummercjali, fil-15 ta' Marzu 1991, gie hekk rilevat li : '*il-kjamata in kawza ghandha fost ohrajn il-funzjoni li tkun prezenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi izda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-ahhar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur ghal kull dannu li jista' jsofri ghaliex ikun dan li fil-konfront tieghu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur ghalhekk hija utili ghaliex telimina l-possibilita' ta' kumplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-ezekuzzjoni tax-xoghol – kemm ghaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm ghaliex dan tal-ahhar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiza valida u efficjenti fil-konfront tal-atturi - b'hekk gie bata huwa*.' Gie ritenut ukoll fis-sentenza : **Carmelo Mamo vs Brian Abela nomine**, deciza mill-Qorti tal-Appell, fil-4 ta' Frar 2000, li l-istitut tal-kjamata fil-kawza hu intiz '*per integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso*' (**Zahra vs Scicluna** – Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Jannar 1919). Jekk allura jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma' dan ma ghandu ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, din l-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni tregi fil-konfront tieghu.' [Qorti tal-Appell, **Carmelo Mamo vs Brian Abela nomine,** 04/02/2000]. Il-fatt li l-attur qatt ma ntepella lill-kjamata fil-kawza ghall-hlas tax-xoghol li sar minnu, b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandhiex tkun hi parti wkoll f'dawn il-proceduri ghall-finijiet tal-integrita' tal-gudizzju la darba mill-provi jirrizulta li hi kienet taf bix-xoghol li sar mill-attur fi hwejjigha. M'hemmx dubbju, u dan hareg car mill-provi, li l-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici hija persuna nteressata fil-vertenza ghalkemm mhux direttament mal-atturi certament pero' mal-konvenut l-iehor in kwantu dan tal-ahhar jista' jdur fuqha ghal kull hlas li jista' jigi kkundannat li jhallas ghax-xogholijiet li saru mill-attur fid-dar taghha tal-Fgura.

Ghaldaqstant anke’ din it-tielet eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza hija insostenibbli u qeghdha tigi michuda wkoll ;

Il-kjamata fil-kawza ssollevat ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kap.16, u permezz ta’ nota tat-12 ta’ Frar 2010, indikat l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 li jipprovdi li : ‘L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar : (a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xog]lijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu’ ;

Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, il-preskrizzjoni hawn kontemplata ma tikkolpix l-azzjoni prezenti. Ma hemmx dubbju li l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta’ appalt li jinkwadra ruhu – ghal dik li hija preskrizzjoni - taht l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u mhux taht l-artikolu 2148(a), li ghalkemm hemm certu affinita’ bejn dawn iz-zewg artikoli tal-ligi, huma pero’ distinti minn xulxin. L-artikolu 2149(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta’ bini jew ta’ xogholijiet ohra ta’ njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni ta’ l-gheluq ta’ sentejn. L-attur gie nkarigat mill-konvenut sabiex jiksi zewgt ikmamar tal-banju bil-madum fid-dar li l-kjamata fil-kawza ghandha fil-Fgura, Malta, u jqieghedilha wkoll l-accessorji tal-banju. Jirrizulta mill-provi li filwaqt li l-madum u l-accessorji gew ipprovduti mill-kjamata fil-kawza, il-materjal biex twahhal il-madum mal-hitan u mal-art gie pprovdut mill-attur u wkoll biex tqieghedu l-accessorji tal-banju. La l-konvenut Masini u lanqas il-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici ma jikkontestaw dan, u l-konvenut Masini mhux biss jirrikonoxxi x-xoghol li sar mill-attur fid-dar tal-kjamata fil-kawza izda jirrikonoxxi wkoll li ta’ dan ix-xoghol l-attur baqa’ ma thallasx u li ghandu jithallas, liema hlas pero’ skond hu, ghandu jithallas mill-kjamata fil-kawza billi x-xoghol ghalkemm kien ordnah hu, kien sar mill-attur fl-interess tal-kjamata fil-kawza, u b’dan il-kjamata fil-kawza kienet taf ;

Il-kuntratt tal-appalt ghax-xoghol li sar mill-attur ma jbiddilx is-sostanza tieghu mill-fatt jekk giex redatt bil-miktub jew jekk sarx verbalment. Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet. Fil-kaz in dizamina l-attur qieghed jagixxi gudizzjarjament biex ikun kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma msemmija fl-avviz tat-talba allegatament dovuta bhala prezz ta' xoghol ta' appalt li sar fl-appartament tal-konvenut f'Marsalforn, u fid-dar tal-kjamata fil-kawza fil-Fgura, Malta, f'liema prezz hemm inkluz ukoll il-fornitura ta' materjal, u tqeghid tax-xoghol fil-post indikat mill-konvenut ;

Fil-kawza fl-ismijiet **"Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Muscat**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fit-18 ta' Mejju 1929, gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Art 1912 (illum 2148 (a)) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 *"non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti … …*" ;

L-Artikolu 2148(a) jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew **(Kollez. Vol XLI.i.347**) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149(a) tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – '*opus*' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' - **Kollez. Vol XLII.iii.1151**; **'Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri e**t', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; **'Gio Maria Camilleri –vs- John Licari e**t', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; **'Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca**', Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)) u l-art. 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita'. Fuq il-bazi tal-fatt maghruf, il-preskrizzjoni eccepita mill-kjamata fil-kawza ma hijiex applikabbli ;

Illi tkun inutili kull indagini biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tal-attur waqghetx jew le bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn, billi din il-preskrizzjoni ma gietx invokata mill-kjamata fil-kawza; u ghaliex, invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati fis-subtitolu IV, tat-Titolu XXV, tat-Taqsima II tal-Kodici citat, dan it-Tribunal ma jistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, ifittex biex jara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [artikolu. 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas jista' jikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita ('**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone**', Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **'Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott'**, Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens :- *'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni*' – '**George Cini –vs- Rita Camilleri**', 26 ta' Lulju 1979. Bl-istes mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet : '**Ronald Nauci vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003. : '*Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*.' ;

Illi anke' li kieku l-artikolu 2148(a) citat mill-imsejha fil-kawza dwar il-preskrizzjoni partikolari kellu jigi kunsidrat minn dan it-Tribunal li japplika ghall-kaz in dizamina, din l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni jkollha t-tendenza li tfalli xorta wahda fid-dawl ta' dak li xehed il-konvenut li jaccetta li l-attur ghandu jithallas tax-xoghol li hu kien inkarigah li jaghmel fid-dar tal-kjamata fil-kawza, u li qed jikkontesta biss huwa l-fatt li l-hlas ghandu jsir mhux minnu izda mill-kjamata fil-kawza billi x-xoghol sar fl-interess taghha. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan jammonta ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. Baqa' pero' li tigi ezaminata l-kwistjoni jekk

din ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni bid-dikjarazzjoni li saret mill-konvenut Masini ghandhiex tolqot lill-kjamata fil-kawza dwar il-preskrizzjoni minnha sollevata. Inghad li '*il-kuntratt ta' l-appalt ma jista' jigi bl-ebda mod relatat mal-proprjeta' tal-fond li fih ix-xogholijiet gew esegwiti. Salv prova kuntrarja r-relazzjoni guridika li tinholoq bi ftehim ta' appalt, hija wahda personali mhux relatata mal-fond u konsegwentement il-presunzjoni "iuris tantum" kellha tkun illi min jikkuntratta kien qieghed jikkuntratta f'ismu personalment. Prova kuntrarja naturalment kellha tispetta lill-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' persuna ohra. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha ikun qieghed jikkontratta u dana sal-mumentmeta l-ftehim ikun gie finalizzat. Il-prova mehtiega biex tigi newtralizzata din il-prezunzjoni "iuris tantum" tvarja sewwa minn kaz ghal iehor. Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzita' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubbju pero', wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju*.'[Qorti Tal-Appell, **Bonsons Ltd. vs AIC Catherine Galea**, 15/10/2001]. Hareg car mill-provi li meta l-konvenut inkariga lill-attur biex jaghmel ix-xogholijiet, il-kjamata fil-kawza kienet taf, u mhux biss kienet taf li l-konvenut kien gab lill-attur biex jaghmel ix-xoghol fid-dar taghha, izda talli tat il-kunsens taghha li jsir ix-xoghol tant li x-xoghol sar u rrizulta li l-kjamata fil-kawza kienet soddisfatta bih. Anke' lill-attur kien imbaghad urieh il-konvenut ghal min kien sar ix-xoghol tant li f'invoice minnhom l-attur kien avzah lill-konvenut li jekk ma kienx sejjer ihallsu tax-xoghol li huwa kien ghamel fid-dar tal-Fgura, huwa kien sejjer jibghat il-kont dirttament lill-imsejha fil-kawza Sharon Ellul Bonici (dokument JC7). Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamata fil-kawza ghandhom iwiegbu solidalment bejniethom ghal dan id-dejn li gie kuntrattat mal-attur ghax-xoghol li sar fid-dar tal-Fgura. L-artikolu 1100 huwa car li meta wiehed mid-debituri *in solidum* jaccetta jew

jirrikonoxxi d-dejn, il-preskrizzjoni ma tinkisirx biss ghalih, izda huwa jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra. Fid-dawl tar-rikonoxximent tad-dejn mill-konvenut Masini u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jirrizultaw mill-atti u li gew osservati hawn fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza wkoll ghandha tendenza li tfalli ;

Jirrizulta mid-dokumenti CP1 u CP2 ix-xoghol li sar mill-attur fl-appartament tal-konvenut f'Marsalforn u fl-appartament tal-kjamata fil-kawza fil-Fgura, Malta, u kemm huwa l-prezz relattiv. Minkejja li l-konvenut eccepixxa li l-prezz tax-xoghol li sar fl-appartament tieghu mill-attur huwa wiehed esagerat, u li x-xoghol li sar ma sarx skond kif kien miftiehem, il-konvenut baqa' ma ressaq ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Minn naha taghha l-imsejha fil-kawza Sharon Ellul Bonici stqarret mhux biss li x-xoghol fid-dar tal-Fgura sar, izda li sar a sodisfazzjon taghha. It-talba attrici ghalhekk ghall-ammont minnhom mitlub timmerita li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna fl-ewwel lok lill-konvenut Frank Masini wahdu sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn mitejn u sebghin Euro (€2,270) ghal xogholijiet li gew esegwiti mill-attur fuq inkarigu tal-istess konvenut fl-appartament tieghu ta' Marsalforn, Ghawdex, liema ammont ghandu jinkludi fih ukoll it-taxxa tal-VAT, bl-imghaxijiet b'effet mill-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament ; u fit-tieni lok lill-konvenut Frank Masini u lill-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin Euro u sitta u tmenin centesimi (€861.86) ghal xogholijiet li saru mill-attur fid-dar tal-kjamata fil-kawza fil-Fgura, Malta, liema ammont ghandu jinkludi fih ukoll it-taxxa tal-VAT, bl-imghaxijiet ukoll b'effett mill-prezentata tal-avviz tat-talba, sal-effettiv pagament ;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom fic-cirkostanzi, jigu sopportati in kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut

Frank Masini u kwart (1/4) mill-kjamata fil-kawza Sharon Ellul Bonici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------